

## IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

**Avviż għall-attenzjoni ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2160 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2151 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

(2021/C 491/01)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 <sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2160 <sup>(2)</sup>, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 <sup>(3)</sup> kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2151 <sup>(4)</sup>, dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni għandhom jibqgħu fil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 u r-Regolament (UE) 2020/1998. Ir-raġunijiet tal-indikazzjoni ta' dawk il-persuni jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingiebed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2020/1998, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill qabel il-31 ta' Lulju 2022, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
Segretarjat Ġenerali  
RELEX.1.C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussell  
BELGIQUE/BELGIË

Email: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, tal-lista ta' persuni u entitajiet deżinjati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 436, 7.12.2021, p. 40.

<sup>(3)</sup> ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 436, 7.12.2021, p. 1.